Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2161(DEC)

16.1.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2161(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Petri Sarvamaa

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2161(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenżiji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ...ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0280/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness tagħha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1
[4] ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2161(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenżiji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0280/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness tagħha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C , C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1
[4] ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2161(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tad-dħul u l-infiq tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2022 kien ta' EUR 167 000, ammont li jirrappreżenta tnaqqis ta' 20,48 % meta mqabbel mal-2021 (EUR 210 000); billi l-baġit kollu tal-Aġenzija huwa derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022 (ir-"rapport tal-Qorti"), stqarret li hija kienet kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

C. billi, fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Aġenzija, ma ġiet irrapportata ebda kwistjoni li teħtieġ azzjonijiet korrettivi għall-2022, u lanqas ma hemm azzjonijiet korrettivi għaddejjin jew pendenti mill-awditi u l-valutazzjonijiet tas-snin preċedenti;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi għall-monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2022 irriżultaw fl-implimentazzjoni ta' rata tal-approprjazzjonijiet ta' impenji tas-sena attwali ta' 96,88 % li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 2,88 % meta mqabbla mal-2021, u jinnota li l-eżekuzzjoni tar-rata tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 34,81 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 16,4 % meta mqabbla mal-2021;

2. Jinnota li parti kbira mill-ispejjeż tal-Aġenzija huma koperti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi EUR 1 937 817 ikkalkulati f'salarji kkalkulati, EUR 467 708 ikkalkulati fi spejjeż tal-bini u EUR 84 644 ikkalkulati fis-sistema tal-IT NOEMI ("Osservatorju Nukleari u Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-ESA"); jinnota, barra minn hekk, li dawn l-ispejjeż huma inklużi fil-kontijiet annwali tal-Kummissjoni li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-kapaċità amministrattiva tal-Aġenzija;

Prestazzjoni

3. Jenfasizza li s-sena 2022 kienet ikkaratterizzata mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna, li qajmet tħassib tal-UE għas-sigurtà tal-enerġija b'mod ġenerali, u b'mod partikolari ddgħajjef is-sigurtà tal-provvista tal-UE għall-materjali u l-fjuwil nukleari u taggrava l-

kwistjonijiet ta’ dipendenza; jinnota li, ħafna impjanti tal-enerġija nukleari Ewropej jiddependu fuq fornituri Russi għall-fjuwil, u li 20-30 % tal-utilitajiet tal-UE b’mod ġenerali huma dipendenti fuq il-provvista Russa ta’ materjali nukleari u s-servizzi taċ-ċiklu tal-fjuwil; jinnota li filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol tal-pagamenti għoljin għall-importazzjonijiet tal-enerġija fl-appoġġ tal-azzjonijiet tar-Russja, l-UE ddeċidiet li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq ir-Russja f’diversi setturi u s-suq nukleari, minħabba l-karatteristiċi uniċi tiegħu, jista’ wkoll jgħaddi minn bidliet fil-futur bħala parti minn din il-bidla usa’;

4. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Aġenzija tat attenzjoni speċjali lir-rieżami tal-kuntratti b’riskji ta’ dipendenza fuq ir-Russja, li kienet tinvolvi analiżi bir-reqqa tal-klawżoli, l-informazzjoni teknoloġika, il-ktajjen tal-provvista, id-disponibbiltà ta’ fjuwils alternattivi, u l-awtonomija operattiva tal-utilitajiet fuq l-istokkijiet tal-fjuwil eżistenti; ifaħħar il-fatt li l-Aġenzija ħadet passi biex tissimplifika l-proċess ta’ sottomissjoni tal-kuntratti filwaqt li żammet livell għoli ta’ sigurtà, u għodod tal-IT siguri ddedikati ffaċilitaw it-tlestija u s-sottomissjoni mill-bogħod; josserva li fl-2022, b’riżultat ta’ dawn l-isforzi, żdied l-għadd ta’ atti ffirmati elettronikament li jikkonformaw mar-regolamenti dwar l-identifikazzjoni għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq uniku;

5. Jinnota li l-Aġenzija, f’konformità mal-objettivi strateġiċi tagħha u mal-politiki tal-Kummissjoni, kellha l-għan li tqassam is-sorsi ta’ provvista fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari għall-użi tal-enerġija u mhux tal-enerġija, filwaqt li tikkontribwixxi għal provvisti siguri fuq terminu medju u twil;

6. Josserva li l-Aġenzija hija responsabbli għall-monitoraġġ tas-suq biex tidentifika xejriet li x’aktarx jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni ta’ materjal u servizzi nukleari; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija ppubblikat analiżi tas-suq fir-rapport annwali tagħha, ipprovdiet informazzjoni dwar is-swieq nukleari Ewropej u globali u qasmet informazzjoni u għarfien ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali tal-analiżi tas-suq oħrajn;

7. Jinnota li fl-2022 l-Aġenzija mexxiet l-azzjonijiet biex tiżgura l-provvista ta’ materjali sors għall-isotopi radjuattivi mediċi, wara li kkontribwiet għall-implimentazzjoni tal-“Aġenda Strateġika għall-Applikazzjonijiet Mediċi tar-Radjazzjoni Jonizzanti (SAMIRA), u mexxiet l-Osservatorju Ewropew dwar il-Forniment ta’ Isotopi Radjuattivi Mediċi;

8. Jilqa’ l-isforzi tal-Aġenzija biex tikkoopera mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati biex issaħħaħ is-sigurtà tal-provvista ta’ materjali nukleari fid-dawl tal-invażjoni illegali u mhux provokata tar-Russja fl-Ukrajna;

Effiċjenza u titjib

9. Jinnota li l-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea sabiex tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-provvista; jinnota wkoll li l-Aġenzija għandha relazzjonijiet li ilhom stabbiliti dwar l-enerġija nukleari mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija għall-Enerġija Nukleari fil-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji orizzontali ta’ ħidma flimkien u l-adattament tal-aħjar prattiki u li l-inizjattivi konġunti jiġbru flimkien perspettivi differenti, inaqqsu d-duplikazzjoni tal-isforzi, itejbu t-tagħlim u jsaħħu r-relazzjonijiet bejn il-parteċipanti;

10. Josserva li l-Aġenzija qed tiżviluppa s-sistema tal-IT NOEMI (“Osservatorju Nukleari u Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-ESA”) biex tippermetti l-ipproċessar diġitali sħiħ ta’ kuntratti ta’ provvista nukleari u informazzjoni tas-suq f’konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni u, b’mod parallel, qed taħdem biex testendi l-kapaċità analitika tagħha fuq id-data disponibbli;

11. Jinnota li l-Aġenzija għamlet sforzi biex tikseb titjib fl-effiċjenza u r-riallokazzjoni tar-riżorsi umani għall-kompiti u l-isfidi l-ġodda li ġejjin; jinnota li aktar kisbiet fl-effiċjenza jkunu possibbli biss bl-użu ta’ sinerġiji u appoġġ mill-Kummissjoni permezz tal-forniment ta’ funzjonijiet ta’ appoġġ speċjalizzati, l-estensjoni tal-użu ta’ għodod korporattivi u ż-żieda tal-allokazzjoni għall-iżvilupp tas-sistema tal-IT NOEMI; jistieden lill-Aġenzija ssib aktar proċeduri interni li jistgħu jiġu ssimplifikati permezz ta’ għodod ġodda tal-IT;

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li fil-31 ta’ Diċembru 2022, it-tabella tal-persunal kienet 100 % mimlija b’17-il post permanenti, 8 amministraturi, 7 postijiet ta’ assistent u 2 karigi ta’ assistent/segretarju; jinnota, barra minn hekk, li l-għadd ogħla ta’ amministraturi milli awtorizzat huwa kkawżat minn valorizzazzjoni mill-ġdid mill-Kummissjoni ta’ post wieħed ta’ assistent;

13. Ifakkar id-diffikultà tal-Aġenzija biex issib assistenti fi gradi aktar baxxi, minħabba l-profil speċjalizzat meħtieġ u l-livelli tal-pagi assoċjati meta mqabbla mal-għoli tal-ħajja fil-Lussemburgu; jinnota madankollu li l-Aġenzija, minkejja l-isforzi tagħha, fl-2022 irreklutat 2 aġenti temporanju f’karigi permanenti (assistent wieħed u assistent/segretarju wieħed);

14. Jinnota li l-Aġenzija rrappurtat proporzjon bejn il-ġeneri għall-persunal kollu ta’ 59 % nisa u 41 % irġiel fl-2022, li huwa xhieda tal-politika ta’ opportunitajiet indaqs;

15. Ifakkar fl-importanza li tiġi żviluppata politika tar-riżorsi umani fit-tul dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta’ persuni b’diżabilità;

Akkwist

16. Jinnota mir-rapport tal-Qorti l-osservazzjoni li l-Aġenzija sistematikament tat kuntratti ta’ valur baxx (inqas minn EUR 15 000) mingħajr ma ħarġet rapporti ta’ evalwazzjoni u deċiżjonijiet ta’ aġġudikazzjoni korrispondenti, li jmur kontra l-punti 30.3-30.4 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju; jinnota wkoll mit-tweġiba tal-Aġenzija li tqis ir-rakkomandazzjoni u se tipprovdi gwida xierqa lill-persunal kollu involut fl-akkwist u l-ġestjoni finanzjarja; jistieden lill-Aġenzija ttejjeb il-proċeduri ta’ akkwist pubbliku tagħha, filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mar-regoli applikabbli, biex jinkiseb l-aħjar valur possibbli għall-flus;

Kummenti oħra

17. Jinnota li l-Aġenzija saħħet is-sigurtà tal-aċċess għall-bini tagħha, u l-membri kollha tal-persunal u l-kuntratturi esterni kollha għandhom approvazzjoni tas-sigurtà;

18. Jieħu nota li s-sistema tal-IT NOEMI (“Osservatorju Nukleari u Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-ESA”) għaddiet minn valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, li għandha tiġi ripetuta wara kull fażi ta’ żvilupp jew/u wara li r-rakkomandazzjonijiet kollha jiġu implimentati;

19. Jinnota b’apprezzament li l-Aġenzija pparteċipat fis-Simpożju Nukleari Dinji f’Londra f’Settembru 2022, li wassal messaġġ ċar lill-ogħla mexxejja, esperti u eżekuttivi tal-industrija nukleari parteċipanti dwar il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-istruttura l-ġdida tas-suq; jinnota wkoll li l-analiżi u l-prospetti tas-suq tal-Aġenzija ġew ippreżentati fil-Forum ta’ Varsavja dwar is-Sigurtà u fiċ-Ċiklu Dinji tal-Fjuwil Nukleari, u kienet irrappreżentata fl-Ewwel Konferenza Internazzjonali dwar il-Liġi Nukleari u fil-Konferenza Ewropea dwar ir-Reatturi ta’ Riċerka; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija kkontribwiet għall-avvenimenti tas-Soċjetà Nukleari Ewropea;

20. Jinnota li l-Aġenzija ma toħroġx dikjarazzjoni ambjentali u lanqas ma implimentat Skema ta’ Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS); iħeġġeġ lill-Aġenzija tirrapporta dwar il-prestazzjoni klimatika, enerġetika u ambjentali tagħha u barra minn hekk timplimenta l-EMAS;

°

° °

21. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħra li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta’ natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta’ ...[1] dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

[1] Testi adottati, P9_TA(2024)0000.